MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 226/2002/1

**Avviz numru: 226/02AE**

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Paul Leone Ganado**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u tmenin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm780.76), bilanc ta' hlas dovut mill-konvenut lis-socjeta attrici skond client contract number 12521 fir-rigward ta' servizzi lilu rezi bejn ix-xhur ta' Marzu u Gunju 2001.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra r-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sebgha mija u tmenin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm780.76), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**